**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 582/23 AL

A B C

vs

D C

(M.R. Numru 1466/2004)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewġu nhar hdax (11) ta' Dicemebru tas-sena elfejn u erbgha (2004) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".

2. Illi l-partijiet ilhom separati sa’ mill-hdax (11) t’ Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) permezz kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin;

4. Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

5. lli kollox konfermat fl-affidavit anness "Dokument C".

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar hdax (11) ta' Dicemebru tas-sena elfejn u erbgha (2004).

2. Tawtorizza lil esponenti sabiex tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe E.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi illi :-

1. L-esponenti jaqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors tagħha tal-hdax (11) ta Novembru 2024; li l-partijiet iżżewġu nhar il-hdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004);

2. Jikkonferma li huwa minnu li l-partijiet ilhom separati mill-hdax (11) ta' Ottubru tas- sena elfejn u tmintax (2018) hekk kif jidher mill kuntratt tas-separazzjoni fl-atti tan- Nutar Carmel Gafa;

3. L-esponenti jaqbel li m'hemm l-ebda prospett għal rikončäljazzjoni bejn il-partijiet;

4. Jikkonferma ukoll li m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

5. Ghal kull buon fini, l-istanti qiegħed jikkonferma l-kontenut ta' din ir-risposta permezz tal-affidavit bil-ġurament tiegħu hawn anness u mmarkat bhala 'DOK A

7. Tenut kont ta' dan, u tenut ukoll kont tad-dispost tal-Artikoli 66B tal-Kap. 16 tal- Liġijiet ta' Malta, l-istanti jaqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-hall taż- żwieġ, bejn il-kontendenti ċelebrat fil-ħdax (11) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) dan purche' jibqgħu immutati d-drittijeit kollha tieghu naxxenti mill-att pubbliku datat il-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

In vista tal-premess, u partikularment in vista tal-fatt illi kienet ir-rikorrenti illi ghazlet li tipproċedi f'din l-istanza, huwa ma ghandu jbati ebda spejjez ġudizzjarji relattivi għall-preċeduri odjerni;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Novembru 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Ottubru 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti rat ukoll it-talba tar-rikorrenti sabiex tkun tista' tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe` E, il-Qorti qeghda tilqa` din it-talba u tidderiġi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jieħu l-provvedimenti kollha meħtieġa f'dan ir-rigward.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet, tidderiġi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jieħu l-provvedimenti kollha biex ir-rikorrenti tkun tista' tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe` Dorokhova u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.